# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Gunju, 2002.**

**Kawza Numru: 23**

**Citaz. Nru. 1631/01 GV**

**V.A.B. Company Ltd.**

**Vs**

**Maria Isabella sive Marisa Turkdogan.**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fit-tmienja (8) ta' Mejju, 1997 il-partijiet kienu iffirmaw "management agreement " (Dok. A), li premezz tieghu l-konvenuta kienet inghatat l-inkarigu sabiex tamministra l-post "Jumbo Lido" ghall-perjodu ta' sitt snin.

Premess illi l-konvenuta kienet obbligat ruhha illi thallas is-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) fis-sena pagabbli bil-quddiem ghall-perjodu 1999-2003.

Premess illi l-pagament ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000), ghall-perjodu Mejju 2001 sa Mejju 2002, kien dovut fit-8 ta' Mejju 2001, skond kif jirrizulta mill-istess imsemmija skrittura.

Permess illi flimkien mal-ghoxrin elf lira (Lm20,000) il-konvenuta trid thallas ukoll it-taxxa tal-VAT, bir-rata ta' 15%, ammontanti ghalhekk ghas-somma ta' tlett elef lira (Lm3,000).

Premess illi l-konvenuta naqset milli tosserva l-obbligazzjonijiet assunti minnha ai termini tal-artikolu 9B tal-imsemmi ftehiem, u ghalhekk hija ghandha thallas il-penali impost ai termini tal-istess artikolu ammontanti ghall-elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500)

Premess illi l-konvenuta giet interpellata biex thallas, din xorta baqghet inadempjenti.

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, il-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Taqta' u tiddecidi l-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u

2. Tikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm24,500, li minnhom Lm20,000 huma pagabbli ghas-sena Mejju 2001 sa Mejju 2002, Lm3,000 huma VAT, u Lm1,500 penali ai termini tal-artikolu 9B tal-"management Agreement" (Dok. A), dovuti lis-socjeta attrici a bazi tal-iskrittura privata datata 8 ta' Mejju 1997 – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi

Bl-ispejjez legali, kalkolabbli mit-8 ta' Mejju 2001 u bl-ispejjez komprizi Lm20 tal-konsult kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci ;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. P. Fenech ;

Semghet l-Avukat ta' l-attur ;

Ezaminat l-atti tal-kawza ;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumaci tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**